**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVIII**
**Appell Nru: 220/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**RONALD MANGION**

**Illum, 8 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Ronald Mangion gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta'Awwissu, 2000, f'dawn il-Gzejjer, meta hekk ordnat mill-Qorti sabiex jghati access tal-wild taht il-kustodja tieghu Desiree Mangion lill-martu Nadine Mangion, irrifjuta li jghamel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fl-10 ta'Ottubru, 2000, li biha sabet lill-Ronald Mangion hati ta' din l-akkuza w kkundannatu Lm5 ammenda.

Rat ir-rikors t'appell ta'Ronald Mangion datat 18 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza dedotta kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet mill-gdid lix-xhieda taht gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi waqt is-seduta tal-lum, din il-Qorti gja' ddecidiet appell iehor fejn l-appellant hemmhekk huwa l-istess appellant hawnhekk, u fejn il-meritu huwa bejn wiehed u iehor l-istess. Dan kien l-appell fl-ismijiet *" Il-Pulizija –vs- Ronald Mangion, Appell Kriminali 171/2000*."

Ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tadotta dak kollu li qalghet fis-sentenza ta' dak l-appell l-iehor u tapplikah fl-appell prezenti.

Il-Qorti, ghalhekk qed tichad l-appell ta'Ronald Mangion u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur